MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 95/2006

**A**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors guramentatipprezentat fis-16 ta' Marzu, 2006 li permezz tieghu r-rikorrenti eccepiet:

1. Illi l-kontendenti zzewwgu fit-18 ta' Awissu, 1997 (Dok. A).

2. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewwga.

3. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

4. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg inkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga.

5. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga.

6. Illi l-kunsens tal-partijiet, ghalkemm ma kienux interdetti jew morda b'mohhhom, ma kellhomx fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.

7. Illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null skond it-termini tal-artikolu 19 (1) (c) u/jew 19 (1) (d) u/jew 19 (1) (g) u/jew 19 (1) (h).

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex;

i) tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-esponenti u l-intimat huwa null u bla effett.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta tal-Kuraturi Deputati pprezentata fis-27 ta' Gunju, 2006 li permezz taghha eccepew;

1. Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u b'hekk jirriservaw id-dritt li jipprezentaw l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri.

2. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-Kuraturi Deputati mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali.

Rat l-affidavits ta' l-attrici u ta' omissis;

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta' Gunju, 2006 illi permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attrici qed titlob l-annullament taz-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fit-18 ta' Awwissu, 1997 a bazi ta' l-Artikolu 19 (1) (c), (d), (f), (g) u (h) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-konvenut ma ppresentax provi izda kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin; "*F'materja ta' zwieg illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-ohra tammetti u b'hekk jirrendu z-zwieg annullabbli bl-iktar mod facli u espedjenti. Hawn ma ahniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabilita' ta' xi kollizjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax thalli nies li kapriccozament wara xi zmien ta' zwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iz-zwieg u meta jkollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u*

*jsiru maturi. Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annullament tieghu l-istess zwieg ghandu jigi annullat*

*pero' dan ma ghandux ikun sabiex jigu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-iehor. Ghalhekk il-kawzali ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minghajr dubbju.*" (Anna Tonna vs Alexander Tonna deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Novembru, 1991). Dan japplika anke f'kaz ta' ammissjoni izda japplika izjed f'kaz fejn il-konvenut hu rappresentat minn kuraturi illi ppresentaw l-eccezzjonijiet taghhom sija pure fil-kuntest li ma ghamlux kuntratt mieghu ghaliex ma hemmx indikazzjoni fejn jinsab.

L-artikoli citati mill-attrici jirrigwardjaw;

19 (1) (c) – il-kunsens inkiseb b'qerq dwar il-kwalita' tal-parti l-ohra li mix-xorta tieghu jista' jfixkel serjament il-hajja mizzewga;

19 (1) (d) – vizzju tal-kunsens ta' xi parti li jkun b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija serja psikologika li taghmilha mpossibbli li dik il-parti taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

19 (1) (f) – li l-kunsens ta' xi parti ikun inkiseb b'eskluzjoni posittiva taz-zwieg jew xi element essenzjali tieghu, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

19 (1) (g) – illi l-kunsens kien marbut ma' kondizzjoni illi tirreferi ghall-futur;

19 (1) (h) – li l-konvenut ma kellux fiz-zmien taz-zwieg il-fakoltajiet jew rieda bizzejjed biex johloq kunsens ghaz-zwieg.

Il-Qorti hija tal-fehma illi l-konvenut izzeweg bl-iskop uniku illi jkollu l-opportunita' illi jiftah negozju Malta. Qatt ma wera nteress fil-konvenuta bhala martu u fil-perjodu illi kienu mizzewga baqa' jghix ta' guvni u jitlaq lura pajjizu x'hin ikollu aptit minghajr ma jaghti sodisfazzjon lil-martu ghaliex kien qed jaghmel hekk spiss. Ghalhekk hemm lok li z-zwieg ikun dikjarat null ai termini tas-sub-incizi (c) u (f) imsemmija.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa’ t-talba attrici u tiddikjara null iz-zwieg bejn il-kontendenti kontrattat fit-18 ta’ Awwissu, 1997. L-ispejjes ikunu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------